

**OPINJONI Nru 6/2005**

**TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI**

**li temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar is-saħħa sostenuta għall-ivvjaġġar bl-ajru (*continuing airworthiness*) ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, sabiex jiġu kkoreġuti żbalji editorjali u inkonsistenzi li jidhru fl-annessi tiegħu**

## I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Annessi I (Parti-M), II (Parti-145), III (Parti-66) u IV (Parti-147) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003<sup>1</sup>. Ir-raġunijiet għal din l-attività ta' korrezzjoni huma deskritti aktar 'l isfel.
2. L-Opinjoni ġiet adottata, wara l-proċedura speċifikata mill-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija<sup>2</sup>, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002<sup>3</sup>.

## II. Konsultazzjoni

3. L-abbozz ta' l-Opinjoni għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ġie ppubblikat fuq il-websajt ta' l-Aġenzija ([www.easa.eu.int](http://www.easa.eu.int)) nhar is-26.11.2004.
4. Sad-data ta' għeluq tas-26.02.2005, l-Aġenzija rċeviet 127 kumment mingħand awtoritajiet nazzjonali jew mingħand kumpaniji privati.
5. Intbagħtet nota ta' rċevuta għall-kummenti kollha rċevuti u l-kummenti ġew inkorporati f'Dokument ta' Kummenti u Tweġibiet (*Comment Response Document*) (CRD), li ġie ppubblikat fuq il-websajt ta' l-Aġenzija fl-10.05.2005.
6. L-Aġenzija rrealizzat li fil-CRD għall-NPA 9/2004 kien hemm xi kummenti li tħallew barra u ddeċidiet li tippublika "korriġendum" għall-CRD imsemmi sabiex jiġu inkorporati l-kummenti kollha rċevuti fuq il-websajt ta' l-Aġenzija nhar is-26.07.2005. Dan il-CRD "korriġendum" fih lista tal-persuni u/jew ta' l-organizzazzjonijiet kollha li taw il-kummenti tagħhom, kif ukoll fih it-tweġibiet ta' l-Aġenzija

## III. Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

7. Matul l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, deher li l-Partijiet M, 145, 66 u 147 kien fihom bosta żbalji u inkonsistenzi. Din l-Opinjoni fiha proposti sabiex dawn l-iżbalji, inkonsistenzi jew interpretazzjoni ħażina jiġu kkoreġuti.
8. L-Aġenzija tirrikonoxxi li l-emendar tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 permezz ta' abbozz ta' regolament "emendatur" ma jirriżultax f'qari faċli għall-qarrej, b'mod partikolari meta jkunu qegħdin jiġu emendati l-Formoli tal-EASA'. Verżjoni konsolidata tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 sejra tindirizza din il-kwistjoni u ttejjeb il-qari tagħha.

---

<sup>1</sup> ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida. EASA MB/7/03 tas-27.06.2003.

<sup>3</sup> ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

9. Sabiex wieħed ikun jista' jsib il-post ta' fejn ikunu jinsabu d-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi/Partijiet, ġie mdaħħal werrej fil-bidu ta' kull Anness/Parti. Il-werrej għandu jintuża filwaqt li jitqies in-numerar oriġinali tal-paġni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.

#### **IV. Stima ta' l-Impatt Regulatorju**

10. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li jiġu kkoreġuti l-iżbalji u n-nuqqas ta' konsistenza tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003. Ladarba emendat, dan ir-Regolament se jkun ferm aktar ċar, aktar preċiż u jinftiehem minnufih. Minħabba li l-bidliet proposti huma ta' natura editorjali, dawn ma huma se jkollhom ebda impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali.

Cologne, 7 ta' Ottubru 2005

P. GOUDOU